# TAĦT L-UMBRELLA



**CARMELO ABELA /** **Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali**



*[Ritratt: JOHN PISANI – MHAS]*

Fnofs ta lejl l-omm tħaddan magħha lil binha ċkejken li qam jibki għax beda jistħajjel li ġej xi ħadd biex jisirqu u jieħdu miegħu fl-ixkora, u wiċċu jirrilassa – sinjal ċar li jkun qed iħossu li ħadd ma jista' għalih f'dirgħajn dik li ġabitu fid-dinja. Iżda l-omm, min-naħa tagħha, taf li l-affezzjoni tagħha mhijiex biżżejjed biex binha mhux biss iħossu sikur imma jkun ukoll bil-fatti mħares mill-perikli.

Li jkollok is-sigurtà (*security*) hija xi ħaġa bbażata fuq il-fatti, filwaqt li biex tgħix fis-sikurezza (*safety*) jiddependi ħafna minn kemm tħoss li għandek sigurtà. Fi ftit kliem, is-sigurtà hija l-proċess li permezz tiegħu nħossuna li qed ngħixu fis-sikurezza: is-sigurtà hija l-umbrella soda li fiżikament tipproteġina mix-xita fil-maltempata, u li meta nkunu taħtha nħossu s-sikurezza li m'aħniex se naslu fid-destinazzjoni tagħna qisna flieles imxarrbin.

Bħalma l-wasla ta' tarbija titfa' fuq il-ġenituri r-responsabbiltà tas-sigurtà tagħha, il-mandat li jingħata Gvern mill-elettorat biex imexxu l-pajjiż iġib miegħu wkoll ir-responsabbiltà enormi li jara li ċ-ċittadini jgħixu fis-sigurtà, u wkoll li jħossuhom sikuri. Sabiex inħarsu s-sigurtà nazzjonali tagħna, isir użu minn diversi għodod, fosthom dawk politiċi, diplomatiċi, ekonomiċi, u militari. It-theddida għas-sigurtà tagħna tista' tiġi mhux biss minn attakk militari jew terroristiku iżda wkoll minn, pereżempju, ċrieki ta' kriminalità organizzata internazzjonali kif ukoll minn diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem. Huwa għalhekk li kontinwament naħdmu biex il-pajjiż ikollu moħħu mistrieħ dwar il-protezzjoni tal-integrità territorjali tiegħu, tal-benesseri taċ-ċittadini tiegħu, tal-ekonomija tiegħu, tal-provvista tal-enerġija tiegħu, u tal-ambjent tiegħu, fost l-oħrajn.

Il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali jaħdem bla heda – ħafna drabi bla ebda daqq ta' trombi minħabba s-sensittività tax-xogħol li jkun qed isir – biex iħares is-sigurtà tal-pajjiż u taċ-ċittadini. L-investiment massiċċ li sar f'dawn l-aħħar snin – u li qed ikompli jsir – fit-tagħmir u t-taħriġ fil-Forzi Armati, fil-Korp tal-Pulizija, fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u fil-Faċilità Korrettiva huma xhieda ta' dan. Ma' dan wieħed irid iżid il-koperazzjoni tal-Gvern ma' pajjiż oħrajn, kemm fi ħdan l-istruttura tal-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha.

M'iniex se noqgħod nirrepeti llum l-istatistika li tajt fil-ġimgħat li għaddew dwar kemm investejna s'issa u kif f'kull wieħed mill-korp dixxiplinati tagħna. Se nillimita ruħi għal żewġ miżuri li tħabbru fil-jiem li għaddew b'rabta mal-ħidma ma taqta' xejn tal-Gvern biex niżguraw li int tgħix f'aktar sigurtà filwaqt li tħossok aktar sikur.

## AKTAR SIGURTÀ MAL-FRUNTIERA

Nhar il-Ħamis ġie ffirmat ftehim settorjali bejn il-Gvern, il-Union Ħaddiema Magħqudin u l-General Workers' Union għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol – fosthom tal-pakkett finanzjarju – tal-Uffiċjali tal-Immigrazzjoni, li issa se jibdew jissejħu Uffiċjali tal-Kontroll tal-Fruntiera. B'kollox se jkunu 50 l-uffiċjali, stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, li se jgawdu minn dan il-ftehim.

Dawn l-uffiċjali kienu ilhom ma jingħataw attenzjoni għal iżjed minn 20 sena; kienu baqgħu staġnati filgrad li kellhom għal snin twal. F'konformità mal-programm elettorali li ppreżentajna lill-poplu fl-2013, li fih konna wegħidna li naraw li kull ħaddiem igawdi minn kundizzjonijiet tax-xogħol denji u jingħata l-opportunità li javvanza fil-karriera, din il-kategorija ta' ħaddiema issa ma baqgħetx iktar minsija. M'għandniex xi ngħidu, id-drittijiet huma marbuta mad-dmirijiet u hija r-responsabbiltà ta' dawn l-uffiċjali li jagħtu l-mija fil-mija tagħhom. Iżda aħna nemmnu li ma tistax tistenna li l-ħaddiem jagħtik il-massimu jekk inti, bħala impjegatur, ma tagħtihx ir-rikonoxximent ġust li ħaqqu ta' xogħlu.

Dawn l-uffiċjali jwettqu xogħol ta' importanza kbira fil-qasam tal-ħarsien tal-fruntiera tagħna. F'Malta għandna ħames postijiet identifikati bħala punti ta' qsim tal-fruntiera u, bla dubju ta' xejn, l-aktar wieħed li jidħlu nies minnu huwa l-ajruport. Ix-xogħol ta' dawn l-uffiċjali huwa li jivverifikaw id-dokumenti ta' dawk li jkunu deħlin Malta u jaraw li jkollhom ir-rekwiżiti meħtieġa.

Ta' min ifakkar li ladarba wieħed jingħata l-permess biex jaqsam il-fruntiera Maltija, dan ma jkunx ingħata permess biss biex jidħol Malta iżda jkun jista' wkoll jivvjaġġa bejn pajjiż u ieħor fiż-Żona tax-Schengen mingħajr kontrolli oħra minn uffiċjali tal-immigrazzjoni.

Dan il-ftehim ġie ffirmat ftit jiem biss wara li, flimkien ma' Stati membri oħrajn taż-Żona tax-Schengen, Malta bdiet timplimenta r-regoli ġodda li introduċew kontrolli sistematiċi fuq il-vjaġġaturi kollha, inklużi Ewropej, li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni ta' din iż-Żona. Dawn il-kontrolli kienu diġà qed isiru fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi huma u deħlin fiż-Żona tax-Schengen.

Dan l-immaniġġjar aktar strett tal-fruntieri tagħna qed isir b'rispons dirett għall-attakki terroristiċi li ġarrabna fl-Ewropa fix-xhur li għaddew u għat-theddida dejjem tikber ta' ġellieda terroristi Ewropej li jkunu ġejjin lura lejn il-pajjiżi tagħhom fl-Ewropa wara li jispiċċaw spustati mit-telfien ta' territorju mill-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku. Dawn il-ġellieda jkunu marru jiġġieldu fil-Lvant Nofsani wara li jkunu ġew radikalizzati u hemm il-periklu li, meta jiġu lura lejn djarhom fl-Ewropa, jisfruttaw il-ħiliet militari li jkunu kisbu biex iwettqu attakki fil-pajjiżi tagħna.

> *Qed naħdmu bla heda, ħafna drabi bla ebda daqq ta' trombi, biex inħarsu s-sigurtà tal-pajjiż u taċ-ċittadini.*

Dan huwa pass ieħor 'il quddiem wara li, ftit ġimgħat biss ilu, tajna bidu għall-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Filmod kif qed naħdmu qed naraw li nippreservaw bilanċ tajjeb bejn ir-rispons adegwat għall-isfidi li għandna quddiemna fil-qasam tas-sigurtà u l-ħtieġa li ma jinħolqux konġestjonijiet filpunti tal-qsim tal-fruntieri. Nibqgħu impenjati biex nipproteġu l-libertà li wieħed jivvjaġġa fejn jixtieq fiż-Żona tax-Schengen filwaqt li nħarsu bis-sħiħ is-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej.

## AKTAR SIGURTÀ FL-AJRUPORT

Ftit jiem ilu kelli l-okkażjoni nitkellem dwar kif ir-regolatur tas-sigurtà tal-avjazzjoni f'Malta, l-Aviation Security Malta (AVSEC), qed jinvesti f'taħriġ biex jiġu żviluppati l-ħiliet tal-uffiċjali involuti fiż-żamma tas-sigurtà fl-ajruport tagħna. Il-programm ta' taħriġ dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ġie żviluppat bl-objettiv prinċipali li jiġi żgurat li l-miżuri tas-sigurtà jiġu implimentati minn ħaddiema mħarrġa sew f'konformità mar-regoli u l-liġijiet lokali u internazzjonali. Qed isir ukoll investiment f'softwer b'rabta mal-iskrinjar tal-passiġġieri, tal-kabina, u tal-bagalji, sabiex dan ikun tal-ogħla livell possibbli.

Malta għandha storja pożittiva f'dan il-qasam u spetturi kkwalifikati mill-AVSEC qed jissejħu regolarment mill-Kummissjoni Ewropea biex jipparteċipaw b'mod attiv fi spezzjonijiet u f'eżerċizzji ta' awditjar li jsiru fl-ajruporti tal-Istati membri tal-UE. Allaħares ma kienx hekk. Is-sigurtà filqasam tal-avjazzjoni ċivili hi indispensabbli għas-suċċess ta' pajjiżna bħala destinazzjoni turistika fil-Mediterran u l-irwol tal-AVSEC hu kruċjali f'dan is-sens. Ta' min ifakkar li matul din il-leġiżlazzjoni l-Gvern għadda żewġ liġijiet mill-Parlament li taw lill-AVSEC il-poteri li ssaħħaħ il-livell tas-sigurtà b'kontrolli ta' kwalità.

F'dan il-kuntest wieħed jieħu gost jara fl-Istampa barranija, kif kien il-każ f'ġurnal Ingliż dan l-aħħar, lil Malta elenkata bħala waħda mill-għaxar destinazzjonijiet turistiċi l-aktar sikuri u fejn it-theddida ta' attakk terroristiku hija baxxa ħafna.

## UMBRELLA SODA

Quddiem dan kollu, wieħed ma jistax ma jitkażax b'Oppożizzjoni li qed taqa' fil-baxx tant li, fi sforz iddisprat biex taqbad ma' kwalunkwe tibna quddiem telfa elettorali kbira oħra li jistħoqqilha, tasal biex tipprova tqajjem dubji saħansitra dwar is-sigurtà tal-pajjiż u dwar is-sikurezza taċ-ċittadini. Minkejja li jafu b'kemm il-Gvern qed jaħdem bis-serjetà biex jiżgura s-sigurtà tagħna lkoll, jagħżlu li jippruvaw jiżirgħu d-dubji dwar is-sikurezza tiegħek billi jivvintawlek li l-umbrella fiha t-toqob u jbeżżgħuk li hemm ċans li meta tagħmel ix-xita se tixxarrab. Qishom dik il-vuċi li lil dak it-tifel rieqed bi kwietu għall-irdoss ta' dar protetta kif imiss, twebblu li ġej xi ħadd għalih biex jisirqu u jieħdu miegħu fl-ixkora, biex twerwru u tħarbatlu l-lejl.

Għall-insinwazzjonijiet bla bażi u t-tfigħ tat-tajn ma jerbħilhom ħadd. Kien ikun aħjar kieku l-enerġija li ilhom għal dawn l-erba' snin jaħlu biex jippruvaw iħammġu lil dak u lill-ieħor u jiżirgħu sfiduċja fil-Gvern immexxi minn Joseph Muscat, użawha biex jippreparaw ruħhom biex xi darba jkunu f'pożizzjoni li joffru lill-poplu Gvern alternattiv.